**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**
**-vs-**
**Joseph Mary Ebejer, detentur tal-Karta tal-Identità numru 91065M.**

*Kumpilazzjoni Nru.373/2023*

Illum, 19 ta' Ġunju, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Joseph Mary Ebejer** u ċioe talli:

Bejn it-08 u 11 ta' Mejju 2023 f' Hal Qormi u postijiet ohra f'Malta:

1. Kull min juża kwalunkwe kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, età, diżabilità, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda.

Għall-finijiet tas-subartikolu (1) "vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, età, diżabilità, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.
*Artikolu 82A (1), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. Kif ukoll Kull min bi vjolenza jew b'theddid iġiegħel uffiċjal pubbliku cioe lil Ispettur tal- Pulizija Roderick Agius li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija u multa.
*Artikolu 91 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. U Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku cioe l-Ispettur tal-Pulizija Roderick Agius, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz,jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u multa.
*Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. (1) Kif ukoll kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq, jhedded lil persuna ohra cioe lil Ispettur Roderick Agius b'xi delitt, jeħel, meta jinsa bħati, il-piena ta' priġunerija jew multa, jew dik il-priġunerija u multa flimkien:
(2) Kemm-il darba flimkien mat-theddid, ukoll fil-każ ta' theddid bil-fomm, ikun hemm ordni jew kondizzjoni, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) biż-żieda tal-multa.
(3) Barra minn dan il-qorti umilment mitluba tordna li l-ħati jġib il-pleġġerija jew jagħti l-obbligazzjoni msemmija fl-artikoli 383, 384 u 385.
*Artikolu 249 (1), (2), (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

5. (l) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min- (e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limitital-provokazzjoni u li dan sar fil-konfront tal-Ispettur tal-Pulizija Roderick Agius;
*Artikolu 339 (1), (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*6.* Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika -jhedded li jagħmel xi reat; jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna cioe lil Ispettur tal-Pulizija Roderick Agius jew xi persuna oħra jew jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih.
*Artikolu 49 (a), (b), (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta*

7. Irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli *49, 50 tal-Kodiċi Kriminali.*
8. Ksur ta' sentenza sospiża mgħotija fil-15 ta' Novembru, 2019 mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli, LL.D.

> Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta'sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ
>
> *Artikoli 28B (1) et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tiegħu in konnessjoni l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u tinħareġ *protection order* għas-sigurtà ta' l-Ispettur Roderick Aguis.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' l-Ispettur Roderick Aguis skont l-Artikolu 383, 384, 385 tal-Kodiċi Kriminali.*[sic]*

Rat li waqt l-udjenza miżmuma lum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Piena**

Dwar il-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li jinsab addebitat bihom l-imputat, tal-fedina penali tiegħu minn fejn jirriżulta li l-imputat mhux *first-time offender*, taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Filwaqt li ma jistax jitwarrab li hawn l-imputat ma ħasibiex darbtejn jhedded uffiċjal tal-pulizija madanakollu jidher biċ-ċar li l-għemil tiegħu kien anke kondizzjonat mill-kundizzjoni ta' saħħtu li kif tixhed l-ittra tiegħu wasslitu fi stat ta' disprament.

Ġie kunsidrat li bejn l-imputazzjonijiet numru wieħed sa sitta japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bit-tieni imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 82A(1)(2), 91, 95, Artikolu 249(1),(2),(3) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu w tikkundannah għall-**sena (1) priġunerija** li minnhom li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel f'arrest preventiv kif ukoll għal multa ta' **erbat elef Ewro (€4,000)** li għandha titħallas fi żmien <u>erba' (4) snin</u> millum ratejalment.

Inoltre tenut kont li l-imputat qed jinstab ħati li wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija nhar il-15 ta' Novembru 2019, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali qed **testendi** dan it-terminu għal żmien <u>sentejn oħra</u> millum.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur tal-Ispettur Roderick Agius għal żmien tlett (3) snin millum.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Finalment peress li mhux l-esperti kollha laħqu espletaw l-inkarigu tagħhom[1], l-Qorti tirriserva li tipproċedi ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien opportun.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[1] Espletaw sa issa biss Dr. Edward Cherubino u Dr. Joseph Cassar fejn l-ammont ta' spejjeż peritali sallum huma ta' **€789.99**.